L-Orizzont

LORNA VASSALLO

Data tal-Pubblikazzjoni: Il-Gimgha, 26 ta' Settembru, 2003

# Era gdida

Pajjizna se jgedded il-politika tieghu mhux biss barranija, izda wkoll interna. Ir-relazzjonijiet internazzjonali ta' pajjizna se jidhlu f'era gdida malli pajjizna jsir parti mill-Unjoni Ewropea. Dan it-tibdil hemm hafna li ma rieduhx. Hemm hafna ohrajn li rieduh. Dawk li riedu t-tibdil fil-politika barranija ta' pajjizna ghelbu lil dawk li ma rieduhx ghalkemm il-mizien qajla xaqleb lejn dawk li rieduh.

U l-politika barranija bis-sewwa jew bid-dnewwa se jkollha tinbidel. Il-pass se jkun f'direzzjoni gdida li c-cans li nergghu lura ghat-triq li konna fiha qabel huwa kwazi xejn. Izda, kemm minhabba koincidenza kif ukoll minhabba li z-zmien immatur, il-politika u l-politici Maltin qeghdin jinbidlu u z-zewg partiti ewlenin se jibddlu l-*frontline* taghhom li se jiffaccja lill-elettorat li se jivvota fl-elezzjonijiet generali Maltin li jmiss.

In parti hi l-istess bidla fil-politika barranija li se tbiddel il-politika barranija li se tbiddel il-politika interna u l-protagonisti taghha. Izda mhux biss. Hemm hafna aktar koincidenzi li ghalkemm nemmen li ma setghux kollha gew mahsuba strategikament se jghinu lill-politika Maltija tinbidel b'mod drammatiku fi zmien sentejn is-sena li ghaddiet u s-sena li gejja:

- Is-shubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropea kkoncidiet ma' l-elezzjoni generali tal-pajjiz – haga li min-naha setghet ghenet lill-Partit Nazzjonalista u min-naha l-ohra setghet fixklet lill-Partit Laburista billi kien il-partit kontra shubija shiha. Ghalkemm id-data ta' l-elezzjoni generali setghet giet organizzata strategikament mill-Partit Nazzjonalista f'dan iz-zmien, però, kienet il-koincidenza li wasslet l-iffirmar f'Ateni u l-elezzjoni generali f'daqqa. L-elezzjoni generali biddlet xi wcuh fil-Parlament Malti u assenjat rwoli godda lill-Ministri u lill-Membri ta' l-Oppozizzjoni. Donnhom il-karti fil-mazz bidlu l-valur jew l-ucuh taghhom. Kienet kwistjoni ta' *reshuffling* tal-membri parlamentari f'kull sens.

- Bhala konsegwenza diretta ta' shubija shiha fl-Unjoni Ewropea il-kandidati ghall-Parlament Ewropew jidher li se jigu minn sferi diferenti u jistghu jinvolvu kemm kandidati li kkontestaw l-elezzjonijiet generali, izda li m'humiex Membri Parlamentari Maltin, kemm nies godda ghal kollox fil-politika Maltija bhala politici, izda li probabbilment ikunu gawdew certa statura fit-tmexxija t'azjendi lokali, kemm nies mill-amministrazzjoni passata tal-partiti kif ukoll, biex ma nkunux zvelajna kollox, nies li jkunu okkupaw karigi ohra fil-politika Maltija, u li mbaghad jiddeciedu jittantaw xortihom ikomplu t-triq taghhom fil-Parlament Ewropew. Jista' jaghti wkoll il-kaz li jkollna xi rizenji maghmula apposta bl-iskop ta' partecipazzjoni fl-elezzjonijiet ghall-Parlament Ewropew.

- Ma ninsewx ukoll li jridu jsiru tliet nomini ghall-Kummissjonarju Malti fl-Unjoni Ewropea. Din ukoll se tkun ghazla ohra li qabilha se ggib hafna taqtighat interni. Hawnhekk ukoll jidher li jista' jkun hemm xi rizenji minn karigi Parlamentari lokali jew minn karigi ohra fid-dipartimenti tal-Gvern u entitajiet ohra. U hawnhekk ukoll jezisti hafna *lobbying*. Ikun hemm min se jheggeg kandidat halli jikkontesta ghal kariga biex l-istess kandidat ma jikkontestax kariga ohra. Loghba shiha ta' *dominoes* fejn wiehed jiehu post l-iehor u wiehed ihajjar lill-iehor halli jcedi post bil-hajra ta' xi haga akbar halli jkun jista' jehodhulu hu!

- Ftit zmien ilu l-Partit Laburista digà ghadda minn zewg elezzjonijiet importanti ta' l-ammininistrazzjoni tal-Partit Laburista se jkun hemm, kif kien hemm, rizenji u kontestazzjonijiet mill-gdid flimkien ma' kontestazzjonijiet godda. Il-kandidati ghal dawn l-elezzjonijiet ukoll se jinvolvu membri ta' l-amministrazzjoni ta' qabel, kandidati ta' l-elezzjonijiet generali kif ukol delegati ohra li ftit li xejn huma maghrufa mal-pubbliku ingenerali.

- Il-Partit Nazzjonalista wkoll qieghed jghodd l-ahhar granet tat-tmexxija tal-kap tieghu. Il-battalji gewwinija digà bdew u iktar kemm jghaddi z-zmien iktar se jihraxu. Jidher li fl-amministrazzjon tal-Partit Nazzjonalista se tkun il-kariga ta' Mexxej u Deputati Mexxejja li se tkun missielta l-iktar, però jista' jkun hemm caqliq iehor paralelli ghal dak tal-Partit Laburista.

- Ma ninsewx terminu iehor li jaghlaq fil-futur qrib – Il-President tar-Repubblika! U hemmhekk jista' wkoll ikollna xi sorprizi!

U bhalma l-kowc ta' tim tal-futbol jaghzel il-*players* tieghu skond il-*players* tat-tim l-iehor, hekk ukoll kemm id-delegati kif ukoll il-votanti ingenerali jridu jaghzlu l-*players* taghhom mhux biss ghal hilithom partikolari, izda wkoll skond l-opponent taghhom in-naha l-ohra. Biex min jivvota, jivvota sewwa jrid isir ezami ta':

- Dak li hemm tajjeb fil-partit u li jrid jinzamm,
- Dak li jista' jsir ahjar u minn jista' jaghmlu ahjar,
- Dak li hemm nieqes u li jrid jidhol,
- U li dawn il-kwalitajiet kollha jkunu mqabbla mal-*player* ta' kontrih halli jikkorrispondu ghalih u jghelbuh.

Izda t-talenti fil-politika nqishom li huma talenti li huma talenti li jikkoncernaw fuq il-personalità, l-gharfien mhux biss akkademiku, izda wkoll tat-triq taghha, il-komunikazzjoni taghha lejn min jitlob l-ghajnuna taghha, il-mod kif twassal il-messagg taghha lil kulhadd bla ma tfixkel lil hadd, u l-abbiltà taghha li taqra mill-ktieb tal-hajja – li tifhem mhux biss dak li jghidu n-nies, izda wkoll dak li ma jghidux jew dak li jisthu jghidu u jahbu fi kliem iehor. Bhalma l-*player* tal-futbol irid jittrenja halli jilghab ghal hin twil bla ma jaqta' qalbu jew jghejja hekk ukoll fil-politika tidhol il-perseveranza mhux fizika, izda mentali.

U huma fuq dawn l-affarijiet li se jiggieldu 'l xulxin iz-zewg partiti tal-gejjieni f'pajjizna u skond is-sahha tal-*players* u s-sahha tat-tim.

- Ja Ninu, Ninu tal-mizbliet x'ghamiltilna? Hekk qeghdin jghidu r-residenti tas-Siggiewi, tal-Qrendi u taz-Zurrieq. Ghalkemm il-famuzi mizbliet ta' hdejn it-tempji ghadhom m'humiex joperaw, gie ghasfur jghidli li digà hemm hafna attività ta' rimi ta' skart fl-inhawi tas-Siggiewi bir-rizultat li minn toroq li qabel ma kien jghaddi hadd, issa qeghdin jghaddu 150 trakk kuljum.

Qalli wkoll li l-bajjiet ta' Lapsi u taz-Zurrieq s'issa kienu l-unici tnejn fil-gzejjer Maltin li qatt ma gew mqieghda fuq il-lista tal-bajjiet imniggsa u hemm biza' kbir fost ir-residenti ta' dan l-inhawi li l-izvilupp ta' mizbla ta' din ix-xorta jaffettwa dawn il-bajjiet ukoll. Barra minn hekk l-ghasfur qalli biex infakkar lil kulhadd li t-tempji huma xejn hlief wirt storiku dinji u kienu mdawra b'hitan iffinanzjati mill-*UNESCO* stess ghalkemm milli jidher partijiet minn dawn il-hitan illum huma mgarrfa li jqajjem dubju f'mohh kulhadd kemm kienu nbnew tajjeb filwaqt li jfisser li dak li l-*UNESCO* qablet li taghti l-flus biex ikun imhares, qieghda titnehhielu l-protezzjoni naqra naqra. Hawnhekk tidhol ukoll il-kredibiltà tal-Gvern Malti kif ukoll taghna lkoll, il-Maltin, fejn jidhlu dawn l-organizzazzjonijiet dinjija partikularment wara dak li kien gralna fil-kaz tat-tempji ta' l- Imnajdra.

Xi rekord iehor kull ma jonqosni, xejn ma nista' nghid, hlief li jien u l-ghasfur spiccajna nkantaw it-tnejn minn taht l-ilsien l-innu li se jinawgura t-tnedija tal-kampanja tas-separazzjoni ta' l-iskart mill-Gvern ta' l-ghaziz Ninu Zammit.

‘Ninu Ninu tal-mizbliet,
jaghmel mizbla hdejna ried,
karti, fliexken, tadam u lumi,
xahx u laned kollox flimkien.’

*Ghal kummenti jew suggerimenti iktbuli fuq lornav@onvol.net*